MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 145/2012

**MELITA p.l.c.**

**vs**

**Ronald MALLIA**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fl-24 ta’ Novembru, 2011 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta’ tlett mija u dsatax-il euro u hamsa u hamsin centezmi ta’ euro (€319.55) u dan wara li ppremettiet hekk:

“Is-socjeta attrici qeghda titlob l-ammont ta’ tlett mija u dsatax-il euro u hamsa u hamsin centezmu (€319.55) rapprezentanti somma ta’ bilanc dovut ghal servizz ta’ “Data” fil-fond 31, Triq Clarence, Pieta u dan skont l-istatement tal-kont numru 552133, liema dokument qed jigi mmarkat “Dok. A”, rapprezentant servizz moghti mis-socjeta attrici Melita p.l.c., liema servizz ma giex imhallas;

Illi minkejja li l-konvenut gie diversi drabi nterpellat sabiex ihallas u jirritorna l-apparat, huwa baqa inadempjenti;

Bl-imghaxijiet skond il-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali".

Ra li l-konvenut, minkejja li gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba fis-6 ta' Marzu, 2012 baqa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-30 ta' Marzu, 2012 u nhar il-25 ta' Mejju, 2012.

Ra li skond il-verbal tat-30 ta' Marzu, 2012 Dott. Amanda Poole ghall-konvenut nfurmat lit-Tribunal illi l-konvenut kien lest li jhallas l-ammont dovut f'zewg pagamenti u ghalhekk talbet ghan-nom tieghu differiment twil ghal dan il-ghan. Il-kawza giet differita biex tigi ceduta u fin-nuqqas ghall-provi kollha tal-partijiet ghal-25 ta' Mejju, 2012.

Ra l-verbal tal-25 ta' Mejju, 2012 fejn it-tribunal gie nfurmat li l-konvenut ma ghamilx il-pagamenti.

Ra n-nota mressqa mis-socjeta attrici fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2012 u li permezz taghha esebiet rendikont tal-kont numru 552133 li jinsab intestat fuq isem il-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u dsatax-il euro u hamsa u hamsin centezmi ta' euro (€319.55), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------